Konferenza dwar il-Koperattivi tal-Ħaddiema

# Pass ieħor 'il quddiem f'tisħib konkret




Il-Ħamis 27 t'April — Il-Ġimgħa 28 t'April

1995

Partit Nazzjonalista



**Godfrey Baldacchino**

*Dr. Godfrey Baldacchino huwa membru fil-Bord tal-Koperattivi u Lecturer / Research Officer fiċ-Ċentru għall-iżvilupp tal-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema (WPDC) fl-Università ta' Malta. Huwa kiseb l-edukazzjoni għolja tiegħu f'Malta, The Hague, l-Olanda u Warwick l-Ingilterra minn fejn kiseb dottorat fis-Soċjoloġija / Business Studies. Huwa speċjalizza fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali, xogħol u żvilupp. Awtur u ko-editur ta' diversi kotba u artikli f'rivisti lokali u barranin marbutin mad-dinja tax-xogħol.*

# Kif jistgħu jaħdmu koperattivi tal-ħaddiema fis-sistema ekonomika ta' pajjiżna?

## Mistoqsijiet Bażiċi

Agħżel numru ta' persuni bl-addoċċ u, waqt li jkollok tape recorder mixgħul, stedinhom jitkellmu wieħed wieħed dwar l-affarijiet l-aktar importanti ta' ħajjithom: Min huma? X'qed jagħmlu fil-ħajja? Min jaħsbu li huma? F'hix jemmnu? X'jaħsbu li hija l-missjoni tagħhom? Imbagħad, oqgħod ifli bir-reqqa t-tweġibiet tagħhom minn fuq ir-recording. Innota jekk il-pedamenti tad-diskors ikunx is-singular jew il-plural. Liema kelma tintuża l-aktar: *Jiena* jew *aħna*? *Għalija* jew *għalina*?

Il-Koperazzjoni jew il-kompetizzjoni? L-individwu jew il-grupp? L-egoiżmu jew is-solidarjetà? Dawn huma s-sisien eżistenzjali tal-bniedem. Dawn huma kunċetti li jankraw l-identità tiegħi u tiegħek, u joffru tifsira lil ħajjitna. Imma huma prinċipji kuntradittorji? Veru li wieħed jeskludi lill-ieħor?

Inħoss li dawn huma mistoqsijiet fundamentali għaliex ħafna mill-argumenti li jitqajjmu meta wieħed jitkellem fuq koperattivi jkollhom din ix-xeħta: Imma l-bniedem mhux min-natura tiegħu egoist? Imma aħna l-Maltin mhux minn ġuf ommna mheġġin nikkompetu u nitqatlu, ladarba għall kull għadma hawn mitt kelb? Imma jiena jaqbilli nikkoopera ma' ħaddieħor? Kif jistgħu l-koperattivi qatt jaqbdu l-art jekk il-koperazzjoni hija biss illużjoni, u s-solidarjetà *gimmick* tal-politikanti? Ir-rejaltà hija dik ta' ġungla, fejn ma jaqbillek qatt tikkoopera?

## Illużjoni jew Rejaltà?

Koperattiva hija xirka ta' persuni li jissieħbu flimkien biex permezz tax-xogħol, tal-ħila, l-intrapriża u t-talenti tagħhom jaħdmu b'mod kompetittiv. In-nies li jaħdmu bħala ħaddiema fil-koperattiva huma wkoll is-sidien tagħha u d-deċiżjonijiet li jittieħdu huma frott il-parteċipazzjoni sħiħa u ndaqs ta' dawn il-ħaddiema membri. B'hekk, il-poter, il-ġid, ir-responsabbiltà u l-qliegħ jitqassmu u jitferrxu aħjar. Sabiħa fil-prinċipju ... imma kastell fl-arja? Ħolma li ma tistax issir rejaltà?

Forsi l-aktar argument b'saħħtu kontra l-koperattivi f'pajjiżna huwa ħarsa lejn il-fatti u lejn l-istatistika uffiċjali. L-ewwelnett, xi 3% biss tal-ħaddiema Maltin illum huma msieħba f'koperattivi. It-tieni, anki dawn il-koperattivi li jeżistu, fil-maġġoranza kbira tagħhom huma koperattivi ta' servizz, għaqdiet fejn dawk li jaħdmu fihom huma mpjegati u mhumiex imsieħba u fejn l-imsieħba jżommu l-business privat tagħhom. Ma kien hemm l-anqas koperattiva waħda tal-ħaddiema sa l-1983. It-tielet, anki fost it-tmien koperattivi tal-ħaddiema reġistrati llum f'Malta, u li fihom b'kollox xi 450 ħaddiem-imsieħeb, 420 minn dawn baqgħu sidien ta' kapital fuq bażi individwali, apparti li bosta żammew ukoll il-business privat tagħhom.

Allura għalfejn dan l-għaġeb kollu dwar il-koperattivi? Fejn qegħda l-famuża triq, dik li toffri organizzazzjoni ta' xogħol differenti mill-kapitaliżmu privat u mit-totalitarjaniżmu ta' l-istat?

## Raġunijiet Validi

Inħoss li t-tweġiba għandha tkun hekk: *Il-kompetizzjoni ma teskludix il-koperazzjoni*, l-individwaliżmu ma jeskludix il-grupp u l-egoiżmu ma jeskludix is-solidarjetà. Hemm bosta raġunijiet validi għaliex jiena jew inti jkun fl-interess egoista tagħna li ningħaqdu ma' ħaddieħor biex nagħmlu biċċa xogħol. Kif fil-fatt nagħmlu fil-ħajja tagħna – il-ħidma rari ssir minn persuna waħedha imma tinvolvi katina sħiħa ta' ħaddiema li flimkien iwasslu għall-produzzjoni ta' prodott jew offerta ta' servizz. Għalhekk kważi kull xogħol huwa xogħol koperattiv.

Mill-banda l-oħra niftakru wkoll li hemm ħafna ħidma ta' natura koperattiva li *qatt ma tiġi reġistrata* – anki fuq din il-gżira fejn issaltan kompetizzjoni sfrenata. Din il-Konferenza Nazzjonali hija eżempju tajjeb ta' dan. Jiena ċert li mingħajr il-ħidma ta' ħafna voluntiera li jikkooperaw flimkien, konferenza bħal din ma tkunx tista' ssir. U nistgħu ngħidu l-istess ħaġa għal ħafna u ħafna attività sportiva, rikrejattiva, reliġjuża, kulturali, edukattiva u politika. Il-voluntarjat Malti jinsab miżgħud b'koperattivi ta' ħaddiema li qatt mhu se jiġu reġistrati u jkunu magħrufa bħala tali.

Ma rridux ninsew ukoll li, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat, hemm bosta *forom ta' koperattivi mhux uffiċjali.* Insemmu ċ-ċorom ta' ħaddiema tal-Gvern li jaħdmu bħala *team*, jieħdu l-biċċa l-kbira mid-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu max-xogħol bejniethom. Insemmu l-gajjiet f'impriżi pubbliċi u parastatali li jaħdmu bħala gruppi awtonomi u indipendenti. Insemmu gruppi ta' professjonisti privati bħal avukati, tobba, accountants, awdituri u konsulenti li huma msieħba fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-organizzazzjonijiet fejn jaħdmu. Għalhekk, kollox ma' kollox. Jidhirli li l-koperattivi tal-ħaddiema diġa qed jaħdmu fis-sistema ekonomika ta' pajjiżna.

Naħseb li l-mistoqsija għandha nbiddluha biex tgħid hekk: Kif jistgħu l-koperattivi tal-ħaddiema jaħdmu *aħjar* fis-sistema ekonomika ta' pajjiżna? Huwa sinifikanti li hawn tant forom ta' ħidma koperattiva fil-voluntarjat, fis-settur pubbliku u fis-settur privat però mbagħad din ma tiġix rikonoxxuta?

## Ħames problemi

L-ewwel problema hija *nuqqas ta' tagħrif* ta' x'inhi u xi tfisser koperattiva. Is-sena l-oħra, student universitarju wettaq *telephone survey* ma' 60 persuna magħżula bl-addoċċ mid-direttorju. Minn dawn, 40 ma kellhomx ideja ta' x'inhi koperattiva. Qalulu li ma jafux xi tfisser, jew inkella kienet xi ħaġa li kellha x'taqsam mal-koperazzjoni ... mur obsor! U mill-20 l-oħra li kienu jafu x'jiġifieri, kważi kollha qalu li kienet xi għaqda tal-bdiewa u/jew sajjieda. Kwestjonarju ieħor stampat fil-gazzetta In-Nazzjon staqsa taħt liema Ministeru jaqgħu l-koperattivi. It-tweġibiet kollha identifikaw lill-Ministeru ta' l-Agrikoltura.

It-tieni problema hija *nuqqas ta' inċentiv biżżejjed favur l-impriża*. Il-messaġġ ta' rajk f'idejk u kaptan ta' ħajtek huwa sabiħ. Imma r-rejaltà tas-suq ekonomiku hija kiefra u bla ħniena. Speċjalment jekk tkun żgħir, bi

ftit kapital u tiddependi fuqek innifsek biss. Ħafna jgħidulek: "Ara kemm qed jinfetħu ħwienet!" Ftit jiġbdulek l-attenzjoni għar-rata għolja ta' għeluq ta' ħwienet u likwidazzjoni u bejgħ tagħhom. Ma jidhirlix li hemm statistika lokali dwar dan, imma fl-Ingilterra, 90% tal-kumpaniji żgħar li jiftħu jkunu magħluqa wara għaxar snin. Mhux ta' b'xejn għad hawn ħafna li jfittxu s-sigurtà ta' mpjieg mal-Gvern; jew inkella, jekk jaqbdu xi negozju, jaqbduh biss bħala xi ħaġa part-time, bl-għajnuna ta' membri tal-familja. Infakkru li n-numru ta' dawk li jaħdmu għal rashom f'Malta mhux jiżdied qiegħed imma jonqos.

It-tielet infakkru fin-*numru kbir ta' impriżi żgħar* li joperaw f'pajjiżna. Ħafna minnhom family business. Panel beaters, electricians, furnara, nies oħra tas-sengħa, bennejja, bdiewa u sajjieda, professjonisti, apparti s-sidien tal-ħwienet li diġà semmejna. Kif jistgħu dawn jilqgħu għall-isfida tal-liberalizzazzjoni? Kif jistgħu jikkompetu ma' min hu kbir u b'saħħtu? X'jaqbillhom jagħmlu, jgħaddsu rashom taħt l-imħadda u jaħarbu mir-rejaltà? Jew jippruvaw jorganizzaw irwieħhom biex isiru aktar kompetittivi u, fl-istess waqt, ma jibqgħux itellfu lil xulxin? Għal ħafna minn dawn, il-koperattiva tista' tkun il-forma organizzattiva li tfisser is-salvazzjoni ekonomika.

Ir-raba', inħarsu lejn il-formazzjoni tal-ġenerazzjoni ta' għada fl-iskejjel. *Kemm qed nagħtu lok fl-iskejjel tagħna għal taħriġ fil-koperazzjoni*? Studju riċenti dwar il-gradwati ta' xi fakultajiet ta' l-Università jixhed li l-kultura ewlenija li biha aħna l-edukaturi qed inħarrġu lill-istudenti tagħna tibqa' dik ta' impjegat, li jħalli lill ħaddieħor jivvinta, imexxi u jaħseb għalih. Forsi l-uniku sens ta' impriża li qed inkattru fl-istudenti tagħna jibqa' dak li titkixxef u taqta' x'mistoqsijiet se joħorġu fil-karta ta' l-eżami li jmiss. Numru ta' gradwati, meta jibdew jaħdmu u jirrealizzaw li hemm bżonn ħafna koperazzjoni fuq il-post tax-xogħol, jidhrilhom li l-Università kellha tippreparahom ukoll biex jesperjenzaw u jkunu jafu x'jiġifieri team work u group work. U jiena ċert li din mhux esperjenza fl-Università biss. Għalhekk huwa ta' min jinkoraġġixxi inizjattiva bħall-proġett tal-*Young Enterprise Scheme* ... bid-differenza li anki din l-iskema hija ħafna drabi fil-prattika forma ta' koperattiva moħbija.

Il-ħames, irridu niffaċċjaw il-problema tal-*vojt kbir fejn jidħlu strutturi ta' appoġġ* għall-koperattivi f'pajjiżna. Niftakru li s-sistema soċjo-ekonomika Maltija toffri ħafna għajnuna u leġittimità lil żewġ tipi partikulari ta' kif jiġi organizzat ix-xogħol: Qed nirreferi għal xogħol mal-partikular u xogħol mal-Gvern. It-tnejn għandhom ħafna mezzi ta' appoġġ. It-tagħlim fl-iskejjel u fl-Università; aġenziji ta' konsulenza manaġerjali, legali, finanzjarja jew promozzjonali; qafas ta' liġijiet u regolamenti magħrufa; għaqdiet ta' prinċipali u ta' ħaddiema; bosta okkażjonijiet fil-ħajja ta' kuljum biex wieħed jiltaqa' ma' dawn it-tipi ta' xogħol, jisma' dwarhom, jaqra dwarhom, jiddiskutihom bla tlaqliq, jgħixhom huwa stess. Mhux hekk il-koperattivi. Jekk iridu l-għajnuna min se jgħinhom? Fuq min se jduru? Jekk, per eżempju, iduru fuq manager li però m'għandux esperjenza ta' koperattivi, dan kemm jista' jgħinhom? Jekk għandhom bżonn għajnuna mill-bank u l-uffiċjal tal-bank m'għandux ħjiel ta' x'inhi koperattiva, dan kemm jista' jgħinhom? Jekk iridu jitħarrġu fuq prinċipji koperattivi, f'liema skola se jmorru?




## Ħames Soluzzjonijiet

Għalhekk, għal dawn il-ħames problemi li ppruvajt nidentifika hawn fuq, hemm bżonn dawn is-soluzzjonijiet:

L-ewwel, *kampanja sistematika ta' tagħrif* ċar u spjegat dwar il-koperattivi. Fl-iskejjel, fil-postijiet tax-xogħol, fuq il-mezzi tax-xandir. Għandha tittieħed l-opportunità biex l-istudenti jiġu mgħallma dwar il-koperattivi hekk kif għandhom fis-sillabu ta' l-istudji soċjali; u jekk l-għalliema tagħhom huma sajmin daqs l-istudenti mit-tagħrif fuq dan is-suġġett, dawn ukoll għandhom jiġu ppreparati aħjar. Mhux biss b'tagħrif mejjet u miktub imma b'modi attrajenti u awdjo-viżivi li llum jintużaw minn dawk kollha li jridu jbiegħu messaġġ jew prodott bis-serjetà. Din il-kampanja għandha tinkludi wirja permanenti li tittieħed fl-iskejjel kollha u li magħha ssir ġimgħa ta' atttivitajiet għall-istudenti u l-għalliema.

It-tieni billi *jitkattru l-opportunitajiet għal esperjenzi ta' ħidmiet koperattivi* fost gruppi differenti fis-soċjetà. Il-*Young Enterprise Scheme* jista' jkollha pari passu magħha *Young Coop Scheme* li tistieden żgħażagħ iduqu l-vantaġġi, żvantaġġi, problemi u possibilitajiet li tagħtihom struttura koperattiva.

It-tielet billi jinħolqu l-*inċentivi addattati* ħalli s-sens ta' impriża li għandu kull bniedem ikun jista' jikber u jiżviluppa mingħajr periklu għall-għejxin tiegħu. Ix-xogħol isir aktar u aħjar, b'aktar produttività u bi kwalità aħjar waqt li jħalli sodisfazzjon u qliegħ akbar għal min jagħmlu. Dan jintlaħaq jekk, per eżempju, ħaddiema tal-Gvern jingħataw iċ-ċans jaħdmu bħala koperattiva mingħajr ma jitilfu s-sigurtà ta' l-impjieg tagħhom. Dan jistgħu jagħmluh kemm fil-kuntest tax-xogħol ta' tindif u manutenzjoni li issa qed jiġi amministrat mill-kunsilli lokali kif ukoll fi ħdan id-dipartiment tal-Gvern stess fejn jaħdmu. Infakkarkom li diġà hemm ħaddiema tal-Gvern jaħdmu hekk.

Ir-raba' billi *produtturi żgħar* jiġu mħajjra jikkunsidraw il-qafas koperattiv għall-operat tagħhom. Dan l-arranġament jista' jfisser li għal ċertu proċessi s-sidien iż-żgħar jibqgħu jaħdmu għal rashom, waqt li għal ċertu proċessi oħra huma jistgħu jingħaqdu flimkien u joħolqu xi ħaġa komuni u ċentralizzata – per eżempju, kampanja ta' reklamar, uffiċċju, amministrazzjoni, riċerka, xiri ta' materja prima, tqassim ta' xogħol. B'dan il-mod jonqsu l-ispejjeż ras imb'ras u tiżdied bil-kbir il-kompetittività, mingħajr ma tinqered il-bażi familjari tal-produzzjoni.

Biex dan kollu jsir, u jsir sew, hemm bżonn *investiment akbar fl-istrutturi li kapaċi jipprovdu l-appoġġ meħtieġ* għat-tkattir ta' koperattivi. Hemm bżonn nies li jidħlu fix-xena bħala "catalytic entrepreneurs" — persuni mħarrġa biex jiżviluppaw u jservu huma stess bħala parti minn network speċjalizzat ta' għajnuna u appoġġ fl-oqsma kollha meħtieġa ħalli l-koperattivi tal-ħaddiema jitwaqqfu, jikbru u jibqgħu fuq saqajhom. Għandna eżempji minn pajjiżi oħra u anki minn pajjiżi fejn dan irnexxa.

## Kieku...

Kieku hawn Maltin jafu x'inhi koperattiva daqs kemm hawn jafu x'inhi kumpanija ... Kieku hawn Maltin li tgħallmu dwar kif taħdem koperattiva daqs kemm hawn li tgħallmu dwar kif taħdem kumpanija ... Kieku hawn koperattivi li sabu l-għajnuna professjonali li kellhom bżonn f'waqtha daqs kemm isibu għajnuna kumpaniji privati li jkollhom bżonn għajnuna speċjalizzata ... kieku għandna ħafna aktar koperattivi f'Malta. Kieku l-ġid imxerred aħjar. Kieku l-produttività tikber. Kieku l-kwalità titjieb. Kieku l-kompetittività tiżdied. Imma l-kieku qatt ma kien ... sakemm ma nagħmlux xi ħaġa dwaru.